MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2011

Numru 974/2008

Il-Pulizija
(Spettur Priscilla Caruana)

vs

Glenn Magro
Sean Attard
Jurgen Stanyer
Jurgen Gatt

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ numru 147393M, 182394M, 320692M u 234692M rispettivament, akkuzati talli fis-6 ta’ Ottubru 2008 ghall-habta tal- 23:30hrs gewwa Marsaxlokk Waterpolo Pitch Triq il-Trunciera, Marsaxlokk:

1. Bil-hsieb li jaghmlu delitt u cioè serq mill-fond imsemmi, urew danil-hsieb b'atti esterni u jaghtu bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom;

2. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioè hsara fil-bieb liema ammont ta' hsara ma jiskorrix il-mija u sittax –il ewro u sebgha u erbghin centenzmu;

U akkuzati ukoll talli fis-7 ta' Ottubru 2008, ghall-habta tal-00:15hrs gewwa Triq Santa Katerina Marsaxlokk:

3. Kommettew serq ta'mutur tal-ghamla Yahama bin-numru ta'registrazzjoni FAN986 ghad-dannu ta' Geraldo Psaila u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, bil-valur li jiswa aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bix-xorta tal-haga misruqa;

U akkuzati ukoll talli matul dawn l-ahhar granet f'diversi bnadi fil-gzejjer ta' Malta f'diversi hinijiet:

4. Saqu jew rikbu mutur tal-ghamla Suzuki bin-numru ta' registrazzjoni HUT 505 kif ukoll mutur iehor tal-ghamla Yamaha bin-numru ta' registrazzjoni FAL 709 minghajr ma kienu liebsa l-crash helmet;

Lil Sean Attard, Jurgen Stanyer u Jurgen Gatt wehidhom akkuzati:

5. Talli matul il-lejl tas-6 ta' Ottubru 2008 ghall-habta tal- 23:00hrs f'diversi toroq gewwa Marsaxlokk kif ukoll dawn l-ahhar granet b'diversi atti maghmulin b'rizoluzjoni wahda gewwa diversi bnadi fil-gzejjer ta' Malta f'diversi hinijiet saqu vetturi minghajr ma kellhom licenzja tas-

sewqan u b’hekk ma kienux koperti b’polza t’assigurazzjoni;

U Sean Attard u Jurgen Stanyer wehedihom akkuzati illi b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda;

6. talli fl-1 ta’ Ottubru 2008 bejn it-20:30hrs u 22:30hrs gewwa Triq Fontanier, Qormi ikkommettew serq ta’ mutur tal-ghamla Yamaha bin-numru ta’ registrazzjoni FAL 709 ghad-dannu ta’Brian Micallef u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, bil-valur li jiswa aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37),u bix-xorta tal-haga misruqa;

7. talli fit-3 ta’Ottubru 2008 bejn 21:40hrs u 22:00hrs barra il-Marsa Sports Club, Marsa ikkommettew serq ta’mutur tal-ghamla Suzuki bin-numru ta’ registrazzjoni HUT505 ghad-dannu ta’ Eugenius Zerafa u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, bil-valur li jiswa iktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centenzmu (€2,329.37), u bix-xorta tal-haga misruqa;

8. talli matul dawn il- granet f’diversi bnadi fil-gzejjer ta’ Malta f’diversi hinijiet biddilt irrangajt mill-gdid, jew hassart b’marka ta’ registrazzjoni ta’ vettura fuq vettura bil-mutur jew b’ xi mod iehor babast mal-pjanci tar-registrazzjoni ta’ vettura bil-mutur u cioè il-pjanci tan-numru tar-registrazzjoni FAL 709 li jappatjenu lill-mutur tal-ghamla Yamaha.

Rat r-rinviju ghall- gudizzju mahrug mill- Avukat Generali permezz ta’ liema u ghab-bazi tal-artikoli tal-ligi minnu hemm citati baghat lill-imputati sabiex jigu ggudikati minn dina l- Qorti;

Semghet lill-imputati jaghtu l-kunsens taghhom:

Semghet ix-xhieda;

Semghet lill-imputati fl-udjenza tal-lum jirregistraw ammissjoni fl-liema ammissjoni baqaw jinsistu anka wara li l-Qorti tahthom zmien jikkonsidraw;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha:

Ikkonsidrat illi:

L-imputati kienu kollha taht it-tmintax il- sena meta wettqu r-reati lilhom addebitati b'daqstant illi ghandhom jibbenifikaw minn riduzzjoni fil- piena kif provdut fl-Artikolu 37 tal-Kap 9.

Intant, l-ammissjoni taghhom hi wahda volontarja u inkondizjonata u ghalhekk l-htija taghhom ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra kull wiehed minnhom hija konsegwenza naturali; mhux biss pero' ghaliex anke l-provi li resqet il- prosekuzzjoni iwaslu ghall-htija taghhom.

Ghalkemm din l-ammissjoni saret fi stajdu inoltrat tal-proceduri l-Qorti fuq l-iskorta tal-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali sejra tapplika kontra kull wiehed minnhom il-provediment tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 u tilliberhom kondizjonalment li ma jikkommettux reat iehor ghall-perjodu ta' 3 snin mill-lum.

Il-Qorti spiegat lill-imputati r-responsabiltajiet taghhom skond din is-sentenza huma tendenti li tinstab htija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------